MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2323/2002

**L-Awtorita ta' Malta dwar**
**l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Paul Cilia**

It-Tribunal,
Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut fejn l-Awtorita attrici talbet illi billi fit-18 ta' Jannar 1994, fis-17 ta' Dicembru 1998 u fit-2 ta' Gunju 1999 l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gia Awtorita' ta' l-Ippjanar, harget avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF 5/94, kopji annessi mal-avviz tat-talba u markati bhala Dok IJS1, IJS2, u Dok IJS3 f'isem il-konvenut.

Illi l-istess Awtorita' attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru I ta' l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq, jitwettqu, stante li l-

istess konvenut ma kien ottempra ruhu ma dak li ntalab minnu fl-istess avviz.

Illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita' attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghall-hames mija u hamsin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm550.72), u dan kif jidher mill-Invoice no. 1722 datata 29 ta' Novembru 2000 markata bhala Dok IJS4.

L-istess konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

Il-konvenut jghid il-ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal ma ghandux:

1. jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' hames mija u hamsin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm550.72) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficajli tat-28 ta' Frar 2002.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi l-konvenut qed jikkontesta t-talba tal-atturi ghall-ammont hemm indikat stante li hija nfondata kemm fattwalment u kif ukoll legalment oltra ghas-segwenti ragunijiet partikolari:

1. Ix-xogholijiet effettivament esegwiti mill-Awtorita' ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-meritu ta' l-avviz indikat minnhom stante li ma twaqqghet ebda struttura illegali.

2. Illi inoltre, l-atturi nehhew biss zewg filati ta' ilqugh ta' barriera liema filati barra li ma kienux il-meritu ta' l-avviz, tassew ma jgibux il-valur eccessiv minnhom indikat.

B'riserva ta' risposti ulterjuri u lb-ispejjes kontra l-atturi.

Rat n-nota ta' transazzjoni presentata illum stess u sema' lil partijiet jitolbu sentenza f' dan is-sens.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' mitejn u hamsin Lira (lm250) bid-dilazzjoni fil-pagament kif miftiehem ta' hamsin Lira Maltin (Lm50)mensili, b' dan li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------